**Lura għax-xogħol**

Għadda l-ħin u f'ħakka t'għajn
Erġajt sibt ruħi x-xogħol,
Bl-isfidi u bil-ferħat
Bil-kuraġġ u bit-toqol.

Ħaġa waħda naf ħuti
Li aktar ma tqil il-piż,
Jidħol Alla tal-ħniena
Fl-imħabba kemm hu intiż.

Idu diġà joffrili
Għodu għodu kif sebaħ,
Jimla' il-qalb bi tjubitu
Rani ħdejh o kemm feraħ!

Kemm saret rari l-ferħa
Mhux ta' b'xejn qegħdin tajjeb,
Le jaħasra ninfetħu
Ngħinu bil-bosta d-dgħajjef.

Hijiex tassew dil-ħniena
L'għandna lesta f'dal-Ġublew,
Din it-tama wisq sabiħa
L-imgħawweġ kif tagħmlu sew.

O Mulej niżżik il-ħajr
Li qajjimtni b'imħabbtek,
Għinni naħdem dan il-jum
Nitolbok tini saħħtek.

Hekk inkun nista' naqdi
Il-ġmiel ta' Saltnatek,
Ħu int il-glorja kollha
Lili żommni fi ħdanek.

Aħjar miegħek Mulejja
Għax inti tapprezzani,
Imxi miegħi hawn f'ħajti
F'mewti ejja ilqagħni.

Patri Mario Attard OFM Cap
2 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.